MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2015

Numru. 812/2013

**Il-Pulizija**

**[Spettur Frankie Sammut]**

**vs**

**Victor Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Victor Camilleri detentur tal-karta tal-identita` numru 385756(M).

Akkuzat talli:

> Matul il-perjodu ta' qabel l-10 ta' April 2013 f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' oggetti u cioe` mobile I phone 4S liema serq, li sar ghad-detriment ta' Jean Paul Azzopardi minn tas-Sliema, u/jew persuni ohra, kif ukoll huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn Euro 116.57 imma mhux aktar minn Euro 2329.37
>
> U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom u cioe` mobile I phone 4S liema oggetti gew minn serq ikkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn Euro 116.57 imma mhux akar minn Euro 2329.37.

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 267 U 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni tat-tieni (2) akkuza mill-imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Victor Camilleri hati tat-tieni (2) akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sena (1), millum, filwaqt li tilliberah mill-ewwel (1) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------